MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 373/1990/1

**Henry Micallef u Joseph Stellini ghan-nom u
in rappresentanza tal-Conservatorio Vincenzo Bugeja
kwantu delegati tal-kumitat tad-Direzzjoni
ta' l-istess Conservatorio u b'digriet tat-12 ta'
Dicembru 2002,
stante l-mewt ta' Joseph Stellini fil-mori tal-kawza,
l-atti qed jigu legittimati f'isem Dr. Richard Manche`
M.D.
biex, flimkien ma' Henry Micallef, jirraprezenta lil
Conservatorio
Vincenzo Bugeja bhala atturi nomine.**

**vs**

**Michael Zarb ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Petrolea Limited kwantu direttur tal-istess socjeta`.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Din hija talba ta’ ritrattazzjoni ta’ sentenza moghtija fi grad ta’ appell fil-31 ta’ Jannar, 1995 fil-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija li kienet ikkonfermat is-sentenza in prima istanza tat-12 ta’ Gunju, 1991 fejn kienet giet respinta eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u b’hekk cahdet l-appell minn dik is-sentenza; u laqghet l-appell tal-konvenut, in kwantu dirett ghar-riforma tas-sentenza moghtija fit-18 ta’ Novembru, 1992, billi, fi kliem testwali tas-sentenza: “*tikkonfermaha kwantu ghaddiet biex tillikwida d-danni ghall-okkupazzjoni illegali tal-mahzen in kwistjoni, izda tirrevoka* [recte*:* tirrevokaha] *in kwantu llikwidat id-danni fis-somma komplessiva ta’ LM6,000 u minflok tillikwida dawn id-danni fis-somma ta’ LM1250 u ghalhekk tikkundanna lill-appellant li jhallas lill-appellati din is-somma ta’ LM1250, in linea ta’ danni, kif fuq intqal. Dwar l-ispejjez tordna hekk:*

*(a) l-ispejjez ta’ l-ewwel istanza jibqghu kif decizi fis-sentenzi appellati;*

(b) *l-ispejjez konnessi mal-appell, in kwantu diretti ghas-sentenza tat-12 ta’ Gunju, 1991, jibqghu kollha ghall-appellant;*

(c) *l-ispejjez konnessi mal-appell mis-sentenza tat-18 ta’ Novembru, 1992, jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.*”

Ikun utili ghall-fini ta’ dawn il-proceduri li tigi riprodotta c-citazzjoni u n-nota tal-eccezzjoni sabiex il-meritu tal-kawza jkun stabbilit. L-atturi kienu ppremettew

“*li b’sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti (tal-Kummerc) tat-13 ta’ Gunju, 1988 fl-ismijiet “Cosimo Montebello et noe vs Joseph M. Zarb noe” (Citazz. Nru. 347/85/CS) gie dikjarat li s-socjeta` konvenuta ghal diversi snin kienet iddeteniet u wzat parti sostanzjali mill-‘basement’ ta’ l-istitut Vincenzo Bugeja f’Sta Venera (proprjeta` tal-*

*Conservatorio Vincenzo Bugeja) bla ebda titolu validu fil-ligi; illi fil-mori tal-kawza fuq riferita, u precizament fl-4 ta' Frar, 1988 is-socjeta` konvenuta rritornat ic-cwievet tal-'basement' in kwistjoni lill-atturi nomine; illi fic-cirkostanzi l-Conservatorio Vincenzo Bugeja ghandu d-dritt jigi kunpensat ghall-okkupazzjoni illegali in kwistjoni; izda ghalkemm interpellata diversi drabi biex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni in kwistjoni s-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk talbet li l-Qorti (tal-Kummerc ta' dak iz-zmien):*

*a) tillikwida, jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi d-danni dovuti mill-konvenut nomine lill-Conservatorio Vincenzo Bugeja ghall-okkupazzjoni illegali tal-fond fuq riferit bhala mahzen ghall-diversi snin;*

*b) tikkundanna lill-konvenut nomine biex ihallas lill-atturi nomine s-somma hekk likwidata in linea ta' danni;*

*Bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Awissu, 1988, u tat-12 ta' Dicembru, 1988, kontra il-konvenut nomine li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni*."

Fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu tat-22 ta' Mejju, 1990 il-konvenut nomine kien eccepixxa:-
*1. Fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ta' zmien sentejn peress illi din hija kawza ghad-danni li mhux naxxenti minn azzjoni kriminali u ghalhekk huwa applikabbli l-artikolu (sic) tal-Kodici Civili;*"

Sussegwentement u wara li l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kienet giet michuda bis-sentenza tat-12 ta' Gunju, 1991, l-konvenut nomine kien eccepixxa ulterjorment:-
"*Illi fil-meritu t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt galadarba hu kien jippossedi l-fond in kwistjoni b'titolu ta' lokazzjoni u dejjem hallas il-kera dovuta. Inoltre kien l-istess kumitat li ta cans lill-konvenut jibqghu fil-fond koncernat sakemm isib post iehor.*"

Illi fit-18 ta' Novembru, 1992 l-qorti in prim istanza ppronunzjat ruhha hekk fuq il-meritu:

"*tirrespingi l-eccezzjoni fil-meritu tal-konvenut nomine, tilqa' l-ewwel (1) talba attrici billi tillikwida d-danni dovuti mill-konvenut nomine lill-atturi nomine ghall-okkupazzjoni illegali tal-fond imsemmi fl-att ta' citazzjoni matul l-ghaxar (10) snin bejn l-1977 u l-1987 u fl-ammont ta' sitt elef lira (LM6000), u tilqa' ukoll it-tieni talba attrici billi tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallas lill-atturi nomine s-somma ta' LM6000 hekk likwidata in linea ta' danni.*" Dwar l-ispejjes tal-kawza l-ewwel qorti ordnat li dawk "*li ghadhom mhux decizi jigu sopportati mill-konvenut nomine.*"

Minn dawn is-sentenzi kien gie interpost appell mill-konvenut fejn sostna li "*l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kellha tigi milqugha u li, fi kwalunkwe kaz l-ewwel Onorabbli Qorti llikwidat ammont eccessiv ta' danni.*" Fl-appell tieghu l-konvenut kien ghalhekk talab ir-revoka tas-sentenzi imsemmija u sussidjarjament ir-riforma tas-sentenza tat-18 ta' Novembru, 1992 billi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tiffissa ammont aktar adegwat. L-ezitu ta' dak l-appell kien kif riportat aktar-il fuq.

**IR-RITRATTAZZJONI**

Fit-28 ta' April, 1995 l-atturi Henry Micallef et nomine pprezentaw petizzjoni fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha "(a) tilqa' t-talba taghhom ghar-ritrattazzjoni tal-kawza a bazi tal-artikolu 811(e),(f),(h) u (l) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u (b) konsegwentement thassar is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) fil-31 ta' Jannar, 1995 fil-kawza fl-ismijiet "Henry Micallef et noe vs Michael Zarb noe", limitatament fejn din iddecidiet li tirriduci l-ammont ta' danni likwidati mill-Ewwel Qorti minn sitt elef lira Maltin (LM6000) ghal elf mitejn u hamsin lira maltin (LM1250) u anki fejn l-istess Qorti ddecidiet li l-ispejjes tal-appell dwar din il-kwistjoni tad-danni kellha tibqa' bla taxxa bejn il-kontendenti, u minflok tikkonferma s-sentenza appellata anki dwar dan il-punt u tillikwida d-danni dovuti lill-esponenti fl-ammont kollu ta' LM6000, bl-ispejjes kollha, anki ta' din ir-ritrattazzjoni, kontra l-konvenut nomine appellant."

Fir-risposta taghhom l-konvenuti talbu li, ghar-ragunijiet minnhom moghtija, din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi ir-ritrattazzjoni maghmula bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza kontra l-attur ritrattant.

**IL-BAZI TAR-RITRATTAZZJONI**

Ir-ritrattazzjoni proposta mill-atturi appellati qed tintalab a bazi ta' diversi paragrafi ta' l-artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jiddisponi li *kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza ....* Din ir-ritrattazzjoni tista' tintalab ghal diversi ragunijiet elenkati fit-tnax il-paragrafu [paragrafu (a) sa (l)] formanti parti mill-istess artikolu. Ghandu jigi rilevat li kull wahda mic-cirkostanzi imsemmija fil-paragrafi (a) sa (l) tista` wahedha twassal ghall-akkoljiment tat-talba sabiex is-sentenza tigi mwarba u l-kawza ritrattata.

Issa ser jigu ezaminati, wahda wahda, d-diversi ragunijiet proposti mill-atturi appellati ghall-akkoljiment tat-talba taghhom ai termini ta' l-Artikolu 811 tal-Kap 12.

**Artikolu 811(e)**

Din il-kawzali ta' ritrattazzjoni tikkontempla l-eventwalita` li s-sentenza tkun applikat il-ligi hazin. Izda l-ligi trid li, ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni.

L-appellat rettrattant ressaq diversi cirkostanzi u argomenti in sostenn ta' dan l-aggravju:-

1. Li l-Qorti ta' l-Appell ppresumiet li l-appellant kien in buona fede, u f'dan ir-rigward naqset li tezamina l-Artikolu 531 tal-Kap. 16 dwar pussessur in mala fede.

2. Li kontra kull disposizzjoni tal-ligi tal-procedura u sahansitra kontra l-volonta` tal-kontro parti, l-Qorti ta' l-Appell ammettiet provi godda.

3. Li ma giex rispettat il-principju tal-ugwaljanza bejn il-kontendenti stante li l-attur appellat ma inghatax l-opportunita` jressaq provi dwar mala fede.

4. Gew accettati bhala validi ricevuti ta’ kera ta’ fond meta l-lokazzjoni kienet giet dikjarata nulla u bla effett.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>**

Minn qari akkurat tas-sentenza ta’ din il-Qorti tal-31 ta’ Jannar, 1995, kif ukoll tal-provi mressqa mill-kontendenti, din il-Qorti ma tarax li dan l-aggravju huwa gustifikat. Infatti ghalkemm jirrizulta li l-konvenut appellat kien inghata l-fakolta` li jezebixxi dokumenti, dan sar fuq ordni tal-istess qorti, billi nhasset il-htiega li jigu ezebiti dawn id-dokumenti waqt it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet. Il-qorti, tenut kont tal-eccezzjoni fil-meritu tal-konvenut appellant, u cioe li “*hu kien jippossedi l-fond in kwistjoni b’titolu ta’ lokazzjoni u dejjem hallas il-kera dovuta*” kellha mhux biss d-dritt izda anke d-dmir li titlob li jigu ezebiti tali dokumenti a tenur ta’ l-Artikolu 150(b) tal-Kap. 12 Inoltre jigi osservat li minn imkien ma jirrizulta, kuntrarajament ghal dak li inghad fil-petizzjoni ta’ ritrattazzjoni, li l-atturi appellati oggezzjonaw ghall-prezentata ta’ dawn id-dokumenti la fl-udjenza tal-15 ta’ Novembru, 1994, meta gew ezebiti, u lanqas fir-rikors prezentat minnhom fit-22 ta’ Novembru, 1994.

Jirrizulta li fis-sentenza taghha fuq imsemmija din il-Qorti kkonfermat l-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku fir-rigward tal-kumpens annwu li kellu jithallas ghall-okkupazzjoni illecita da parti tal-konvenut appellant, billi, kif sewwa gie osservat fis-sentenza, din kienet kwistjoni purament ta’ natura teknika u billi wkoll, in prim istanza, ma kienet saret ebda talba mill-konvenut appellant ghall-hatra ta’ periti perizjuri. B’dana kollu din il-qorti, stabbilit li l-kirja li kellha s-socjeta` konvenuta kienet kuntrattata mal-Madre Superjura tal-Istitut Vincenzo Bugeja, sabet li l-istess socjeta` konvenuta qatt ma setghet tkun taf bil-vizju fit-titolu taghha qabel ma gew istitwiti l-proceduri ghall-izgumbrament kontriha, u cioe` fil-bidu tan-1985. Kien ghalhekk li din il-qorti waslet ghal konkluzzjoni li s-socjeta`

konvenuta kienet qed tokkupa in buona fede, skond l-eccezzjoni fil-meritu tal-istess konvenut appellanti. Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-konkluzzjoni kienet wahda gusta. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

**Artikolu 811(f).**

Dan l-paragrafu jaghti lok ghall-akkoljiment ta’ talba ghar-ritrattazzjoni kemm-il darba s-sentenza tkun giet moghtija fuq haga mhix imdahhla fit-talba.

Qed jigi sottomess fir-rigward li l-appell interpost mill-konvenut appellant ma kienx indirizzat lejn in-numru ta’ snin li l-ewwel Qorti kienet akkordat ghall-fini tal-komputazzjoni tad-danni ghall-okkupazzjoni illecita da parti tieghu tal-fond in kwistjoni, izda piuttost li l-appell kien intiz sabiex l-qorti ta’ tieni grad “tiffissa ammont ossia rata aktar adegwata.”

Mill-qari tal-petizzjoni tal-konvenut appellant fil-proceduri li waslu ghas-sentenza llum oggett ta’ ritrattazzjoni, jidher li dan l-aggravju ghandu sembjanza ta’ fondament billi hemm jirrizulta li l-appellant kien qed jilmenta li l-“*quantum*” tad-danni likwidat mill-perit, fuq bazi ta’ sena, kien eccessiv billi ressaq diversi ragunijiet ghala l-valur “*lokatizzju*” ma kellux ikun daqstant. In effetti l-atturi appellati, fir-risposta taghhom, korrettament sostnew li dan l-aggravju ma kellux jigi akkolt inkwantu ma kienitx saret talba ghan-nomina ta’ periti perizjuri, u li, fi kwalunkwe kaz, imhazen kbar fil-lokalita` kienu jattiraw kirjiet ferm akbar minn dak likwidat mill-perit tekniku.

Dan premess, pero`, din il-Qorti hija tal-fehma li din il-kawzali ghar-ritrazzjoni ma tirrizultax sodisfacientement. Kif gja inghad aktar ‘l fuq l-eccezzjoni fil-meritu tal-konvenut appellant kienet tikkontempla l-buona fede tal-istess konvenut fl-okkupazzjoni tal-mahzen inkwantu hu kien qed jokkupa b’titolu ta’ kera u ma setghax ikun jaf, qabel ma gew istitwiti l-proceduri kontrih mill-Conservatorio Vincenzo Bugeja, li t-titolu tieghu kien vizjat. Issa process gudizzjarju ghandu jigi kunsidrat “quid unum” u l-Qorti meta tigi biex tiddisponi mill-vertenza ta’ bejn il-kontendenti, trid thares lejn l-aspetti kollha tal-kaz

sabiex finalment issir gustizzja. Dan mhux biss in prim' istanza izda aktar u aktar fi grad ta' appell fejn l-kwistjoni tigi definita b'mod finali. It-tezi tal-konvenut appellant dejjem kienet li hu ma ghandux ihallas ghax kien qed jokkupa *in buona fede* u hekk iddeterminat din il-Qorti billi helsitu mill-obbligu ta' hlas ta' danni ghal dak il-perjodu li matulu, skond l-istess qorti, l-appellant kien minghalih qed jokkupa b'titolu ta' kera.

**Artikolu 811(h).**
Dan l-paragrafu jaghti d-dritt lill-parti interessata li titlob ir-ritrattazzjoni "*jekk is-sentenza tkun kuntrarja ghal sentenza ohra ta' qabel, deciza bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oggett, u li ghaddiet f'gudikat, basta li l-eccezzjoni ta'* ***res judicata*** *ma tkunx giet moghtija u deciza.*"

Qed jigi sottomess li din il-Qorti bis-sentenza tal-31 ta' Jannar, 1995 marret kontra dak li kien diga gie deciz fis-sentenza tat-13 ta' Gunju, 1988 fil-kawza fl-ismijiet "Cosimo Montebello et noe vs Joseph M. Zarb noe" (Citaz. numru 347/85CS) inkwantu din il-Qorti "*tat effett u kkunsidrat bhala validi parti sostanzjali mill-pagamenti li allegatament saru mill-konvenut nomine, a bazi ta' "kirja" li b'sentenza ohra (Citaz. 34/85) bejn l-istess partijiet giet dikjarata invalida".* Inoltre qed jigi sottomess li hemm ksur tal-paragrafu (h) tal-Artikolu sotto ezame, billi din il-qorti ddikjarat li "*ma saritx prova adegwata li huwa (i.e. l-appellant) kien* ***okkupant abusiv****"* meta s-sentenza tan-1988 fuq imsemmija kienet laqghet it-talba attrici dwar l-okkupazzjoni bla titolu validu da parti tal-konvenut u b'hekk konsegwentement accettat dak li kien hemm fil-premessi tac-citazzjoni (347/85) li "..... parti sostanzjali mill-basement tal-istess istitut kienet qed tigi **<u>abusivament uzata mis-socjeta` konvenuta</u>** bhala mahzen."

Is-sentenza fil-proceduri Citazzjoni numru 347/85 akkordat l-ewwel talba tal-atturi nomine kif dedotta fic-citazzjoni u cioe` li jigi dikjarat li "*l-istess konvenut nomine qed jiddetjeni u juza l-'basement' hawn fuq imsemmi bla ebda titolu validu fil-ligi."* B'din is-sentenza, li ghaddiet in gudikat, ghalhekk gie definittivament stabbilit li l-

okkupazzjoni tal-konvenut nomine kienet wahda illecita. Izda fil-konsiderazzjonijiet taghha dik il-Qorti, konformement ma dak li gie sottomess mill-Perit Legali mqabbad minnha, rrilevat il-fatt li kienet l-Madre Superjura "*li tiehu hsieb l-istess Konservatorju* [li] *kienet ippermettiet lis-socjeta` konvenuta li tuza bhala mahzen din il-parti tal-'basement'.*" F'dawk il-proceduri r-ritrattanti odjerni ma kienux talbu dikjarazzjoni ta' responsabbilita` u kundanna ghall-hlas tad-danni rizultanti minn din l-okkupazzjoni illecita, izda talbu biss l-izgumbrament tal-konvenuti nomine u r-restituzzjoni tac-cavetta tal-mahzen – liema restituzzjoni saret fil-mori tal-proceduri.

Issa l-kwistjoni ta' okkupazzjoni bla titolu u l-obbligu ta' hlas ta' danni rizultanti minn dik l-okkupazzjoni huma zewg affarijiet kompletament differenti. Li wiehed jigi dikjarat li qed jokkupa bla titolu minhabba difett jew nuqqas ta' titolu ma jfissirx awtomatikament li dik il-persuna hekk dikjarata li qed tokkupa bla titolu ghandha thallas danni. Jekk tali okkupazzjoni tirrizulta li kienet in buona fede dan l-obbligu ma jirrizultax.

Fil-kaz in ezami l-buona fede tal-konvenut intrattat kienet tidher mill-atti tal-kawza u dan il-fatt gie rilevat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-31 ta' Jannar, 1995 meta inghad li "*Irrizulta li huwa (il-konvenut appellant) kien ihallas lill-Madre Superjura li maghha kien ftiehem biex juza l-mahzen b'titolu ta' kera bir-rata ta' LM144 fis-sena. Din il-Madre Superjura kienet tiehu hsieb l-'Istituto Feminile' tal-Konservatorju.*" U aktar l-isfel fl-istess sentenza jinghad "*Illi rrizulta li l-Madre Superjura kienet giet avzata mid-direzzjoni tal-Konservatorju b'ittra datata 9 ta' Mejju, 1978, li hija ma kienetx awtorizzata li taghti b'kera lil terzi, proprjeta` tal-Konservatorju...... Ma rrizultax li l-appellant (konvenut ritrattat) qatt ma gie intimat mill-appellati b'dan id-divjet.*"

Minn dan naraw li din ir-raguni ghar-ritrattazzjoni ma hijiex accettabbli billi la kien hemm gudikat fis-sens li jsemmi r-ritrattant, u fi kwalunkwe kaz din il-Qorti kienet sabet li l-appellant ritrattat kien in buona fede.

**Artikolu 811(l).**
Il-paragrafu (l) ta’ l-Artikolu 811 tal-Kap 12 jiddisponi li talba ghar-ritrattazzjoni tigi akolta
“*jekk is-sentenza kienet l-effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.*” Ir-ritrattant jissottometti li “*fis-sentenza taghha tal-31 ta’ Jannar 1995, din il-Qorti rriferit ghall-presunzjoni tal-buona fede tal-appellant meta mill-atti tal-kawza ma jirrizultax li saret ebda allegazzjoni ta’ buona fede minn naha tal-istess appellant.*” B’risposta ghal dan l-aggravu din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gja inghad aktar-il fuq fir-rigward tal-paragrafu (f) ta’ l-Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u ma tara ebda raguni li terga tirrepeti l-istess affarijiet.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija kemm it-talba ghar-revoka kif ukoll ghar-ritrattazzjoni maghmula mill-atturi nomine appellati fil-kawza determinata bis-sentenza fi grad ta’ appell fil-31 ta’ Jannar, 1995 qed jigu michuda.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-atturi ritrattanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------